# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 3 ta' 2023, miżmuma nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu 2023, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u kwart ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Chris Grech | Mosta LC | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Stephen Gatt | Balzan LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Stephan Cordina | Attard LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Preżenti ukoll kien hemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kristina Camilleri

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Anne Marie Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | Membru |

CGV.

**2. AĠENDA**

3 1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3.3 Komunikazzjoni tal-President;
3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;
3.5 Kumunikazjoni –
3.6 Rapporti;
    3.6.1 Rapport Tal-Bord ta' l-ingaġġ
3.7 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;
    3.7.1 Kirja ta' l-Ufficju
    3.7.2 Tender Emergency works
    3.7.3 Waste tender – Invoicing
    3.7.4 Bolt Business Proposal
    3.7.5 Enviorment Manager update
    3.7.6 Waste Manager update
    3.8.8 SIA Update
3.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
3.9. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:00 mil-President, is-Sur Clifford Galea Vella.

## - 3.1 Qari t' Apoloġiji

Alfred Grima ,
Anne Marie Fenech Adami
Trevor Fenech

## - 3.2 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa numru 2 miżmuma f'Frar 2023 ittieħdu bħala moqrija.
Paul Vella ippropona li jkunu approvati u John Buttigieg issekonda l-mozzjoni.
Il-membri qablu unanimament.

## - 3.3 Komunikazzjoni mil-President

Il-President Clifford Galea Vella informa lil membri li kellohm laqgħa ma Alison Zerafa Civelli u Mario Fava mill-AKL u ingħatat rapport fuq xiex kienet din il-laqgħa fosthom l-onorarja.

## - 2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

N/A


Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## - 2.5 Komunikazzjoni

- Il-President Clifford Galea Vella flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv George Abdilla kellhom laqgħa ma Claire Agius u ġiet preżentata komunikazzjoni sabiex jsiru numru ta programmi fuq ir-Reġjun tat-Trmuntana sabiex nsaħħu l-pjattaforma tagħna. Il-President Clifford Galea Vella propona u ġiet sekondata min Stephan Cordina u Stephen Gatt. Il-membri qablu unanimament.

- Il-President Clifford Vella propona li jsir l-ingaġġ għal servizz ta Physocological help disponibbli lil membri u staff. Il-Membri qablu li s-suġġett jonqos li jitkompla jiġi diskuss iktar fil-fond.

- Il-President Clifford Galea Vella preżenta ittra ta reżenja ta impjegata mir-Reġjun.

- CCTV cameras saret talba sabiex Chris Grech jibgħata l-ispecifikazzjonijiet neċessarji ta' l-ANPR (Automatic Number Plate Recognition) lis-Segretarju Eżekuttiv George Abdilla sabiex jiġu inkluzi fit –Tender li qed jaħdem fuqu .

## – 3.6 Rapporti

- 3.6.1 Rapport tal-Board ta' l-ingaġġ - ġie preżentat ir-rapport u r-rekomadazzjoni ta l-impjegata li ġiet magħżula bhala Culture Manager. Din hija is-sinjura Marcon Borg Caruana . Stephan Cordina propona li tiġi approvata, ġiet sekondata min Stephan Gatt. Il-membri qablu unanimament.

- Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li hemm żewġ pużizjonijiet vakanti u għal daqstant talb il-permess sabiex jinħarġu s-sejħiet. Paul Vella propona li jinħarġu dawn is-sejħiet u ġiet sekondata min Clifford Galea Vella. Il-membri qablu unanimament.

## – 3.7 Affarijiet oħra

**3.7.1 Kirja ta l-Ufficju –** Segretarju Eżekuttiv bgħata b'mod eletroniku kif ukoll preżent il-kuntratt u informa li se jibqa validu sa 2025.

**3.7.2 Tender ta' Emergency works –** Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li qed jaħdem fuq Tender ta emergency works fejn jkun disponibbli għal lokalitajiet fir-Reġjun Tramuntana. Il-membri idiskutew bejnietom il-problemi rigward definizzjoni ta emerġenza fuq it-tender u Chris Grech isuġġerixxa li jintuża il-format tat-tender ta l-I.M. publikat mill-Infrustructure works.

18:33 wasal il-Membru Parlamentari Ivan Castillo kelliem għas-Settur Marittimu u x-xogħol u Deputat fit-Tnax il-Distrett u l-laqgħa twaqfet sabiex ssir diskusjoni.
19:10 tkompliet il-laqgħa.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**3.7.3 Waste Tender – Invoicing –** il-Waste Manager Aderemi Baderinwa informa lil membri li beda l-eżerċizzju sabiex jinħadmu l-invoices tal-ġbir ta skart, spjega li qed jirċievi ċ-ċhits tat-tunellaġġi ta l-iskart mil-Waste Serve kif ukoll mil-kuntrattur preżenti sabiex jintbagħtu l-ispejjes il-Kunsilli rispettivi.

**3.7.4 Bolt Business Proposal -** Il-President Clifford Galea Vella present proposta fejn meta l-membri jiġu bżonn transport relatata max-xogħol tar-Reġjun din tista ssir min fuq l-App tal-Bolt. Il-membri idiskutew. Stephen Gatt propona u ġiet sekondata min Kyle Mifsud . Il-membri qablu unanimament

**3.7.8 SIA Social Impact Assestment -** il-President Clifford Galea Vella u is-Segretarju Eżekuttiv talbu lil membri li ha jkunu inkluzi go focus group u ħeġġew lil-membri jipratecipaw

**3.7.5 Environmental Manager update –** Bjorn Bonello ta rendikont tal-ħidma tar-Reġjun dwar Project Green, fejn ir-Reġjun ta għajnuna teknika kif ukoll fil-kumpilazzjoni tal-applikazzjonijiet fostom Mellieha, San Pawl il-Bahar, Naxxar u Mtarfa. Waqt din il-ħidma huwa spjega li kien hemm xi problem ta dewmien żejjed u diffikultajiet oħra li setgħu iperikolaw is-suċċess ta l-applikazzjoni, li jew ma kienux ser jlaħqu mad-dead lines stipulati jew inkella l-informazzjoni mitluba ma ingħatatx fl-intier taħha. Ġiet imresqa l-idea li fil-futur jiġi kunsidratt li ċertu servizzi jingħataw mir-Reġjun b'ingaġġ ta professjonisti li il-Kunsilli jkunu jistgħu jużaw għal bżonnijiet taħhom.

Annimal Welfare saru laqgħat mal-cat feeders u d-direzzjoni hija li jsir użu aħjar mil-ftit riżorsi li diġa jeżistu billi jkun hem iżjed coordinazzjoni u interventi iffukati.

Saret laqgħa mal-Bee Keepers u l-assoċċjazzjoniet tan-naħħala u produtturi ta' l-għasel . Dawn kienu intiżi sabiex jagħtu għajnuna kontra l-bgħal taż-żunżan partikolarment biex jinqabu l-Irġejjen qabel ma dawn jistabbilixxu bejtiet. Se tinħareġ sejħa għal quatations għan-nasses u tneħijja tal- bejtiet flimkien ma kampanja ta għarfien għal pubbliku.

**3.7.6 Waste Manager Update –** Is-Segretarju Eżekuttiv spjega u adda xi dokumenti lil membri li juru fejn talab lil-kuntrattur preżenti quote fir-rigward ta' ġbir addizzjonali . Stephan Cordina staqsa għalxiex ma tinbidilx il-ġurnata tal-ħġieġ u jibda jinġabar flimkien mal-ġurnata tal-recycling, b'hekk tisolva il-problema tal-kartun fil-ġurnata tal-ħġieġ u jiġu franka l-extra charges li se jinħolqu .

**3.7.8 SIA Social Impact Assestment -** Is-Segretarju Eżekuttiv informa li Elisa Frosi se tiprovdi lista ta online meetings fejn talab biex jikomunikaw maħħa il-membri li ħa jkunu inkluzi f'dawn il-focus group u ħeġġa lil-membri jippartecipaw.

## 2.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 159 kienet ippreżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. John Buttigieg ssekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## - 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u għaxar ta' filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun Nhar it-Tnejn, 24 ta' April 2023, fis-sitta ta' filgħaxija.

Clifford Galea
President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, it-Tlieta 2 ta' Mejju 2023



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt